# MALTA

## QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

### ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Nru.: 898/15MH**

**Illum 21 ta' Ottubru, 2015**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**Nathaniel-Joseph u Angel Gwyn Louisielle (konjugi) Mamo (K.I. numri 239382M u 539285M rispettivament)**

**Illum 21 ta' Ottubru, 2015.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-bank attur, li gie konfermat bil-gurament minn Vanessa Bugeja K.I. numru 85972(M), ghan-nom u in

rapprezentanza tal-istess bank attur li permezz tieghu gie sottomess:-

*"1. Illi l-kumpanija attrici hi bank kummercjali licenzjat taht il-Ligijiet ta' Malta biex fost l-ohrajn issellef flus lill-klijenti taghha;*

*2. Illi l-konvenuti huma klijenti tal-kumpanija attrici u hadu minn ghandha self biex jiffinanzjaw l-akkwist tar-residenza taghhom u sabiex jissodisfaw bzonnijiet personali ohrajn;*

*3. Illi dan is-self, kien jikkonsisti fis-segwenti:*

*i) Home Loan ta' mija u erbgha u tletin elf u disa' Ewro (€134,009) koncess ai termini ta' Credit Agreement datat 25 ta' Frar 2009 (ara Dok. 'A') u kuntratt pubbliku maghmul fl-Atti tan-Nutar Anthony Bonnici fl-14 t'April 2009 (ara Dok. 'B'), u*

*ii) Personal Loan t'elfejn u hames mitt Euro (€2,500) koncess ai termini ta' Credit Agreement datat 18 ta' Marzu 2014 (ara Dok. 'C');*

*4. Illi l-konvenuti naqsu milli jhallsu lura dan is-self u l-bilanc dovut minnhom fuq dawn il-facilitajiet hu kif gej:*

*i) mija u hamsa u ghoxrin elf, u seba' mija u dsatax-il Euro u sitta u disghin centezmu (€125,719.96), dovuti fuq il-Home Loan fuq imsemmi, senjatament Account numru 18929.71.001, u li sal-14 ta' Settembru 2015, kienu jinkludu imghaxijiet ta' mitejn u hdax-il Euro u sittax-il centezmu (€211.16) (ara statement bankarju markat Dok. 'D'), u*

*ii) elf, mitejn u tnejn u sebghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€1,272.55), dovuti fuq il-Personal Loan fuq imsemmi, senjatament Account numru 18929.71.003 u li sal-14 ta' Settembru 2015 kienu jinkludu imghaxijiet ta' hdax-il Euro u erbgha u sittin centezmu (€11.64) (ara statement bankarju markat Dok. 'E');*

*5. Illi relatati mas-self fuq imsemmi, hemm dovuti mitejn u sebgha u ghoxrin Euro u sitta u sebghin centezmu (€227.76) fi spejjez, u li sal-14 ta' Settembru 2015, kienu jinkludu tnejn u tmenin centezmu (€0.82) f'imghaxijiet (ara Dok. 'F). Dan l-*

*ammont jinsab dovut fuq Current Account numru 18929.10.001, li l-konvenuti ghandhom mal-kumpannija attrici (ara Dok. 'G');*

*6. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenuti lill-kumpannija attrici sal-14 ta' Settembru 2015, kien ta' mija u sebgha u ghoxrin elf u mitejn u ghoxrin Euro, u sebgha u ghoxrin centezmu (€127,220.27);*

*7. Illi dan l-ammont sar dovut kollu lill-kumpannija attrici:*

*i) kwantu l-Home Loan fuq imsemmi, ai termini tal-Credit Agreement immarkat Dok. 'A' u kwantu l-Personal Loan fuq imsemmi, ai termini tal-Credit Agreement markat Dok. 'C' u dan ghax kif stipulat f'Artikolu 13(l) tal-Credit agreement tal-ewwel u f'Artikolu 11 tal-Credit Agreement tat-tieni, sehhew wahda jew aktar mill-events of default imsemmija f'dawn l-istess Credit Agreements, partikolarment, izda mhux esklussivament:*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*
*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*
*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility", u*

*ii) kwantu l-Current Account fuq imsemmi, ai termini t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions (ara Dok. 'H') u t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use (ara Dok. 'I') marbuta mal-istess Current Account;*

*8. Illi l-kumpannija attrici ttentat tinterpella lill-konvenuti diversi drabi biex ihallsuha d-dejn, fosthom permezz t'ittri legali datati 12 ta' Frar 2013 (ara Dok. 'J'), 18 ta' Settembru 2013 (ara Dok. 'K') u 3 ta' Lulju 2015 (ara Dok. 'L') u ittra ufficcjali numru 2618/2015 datata 22 ta' Lulju 2015 (ara Dok. 'M'), izda dawn baqghu inadempjenti;*

*9. Illi l-kreditu tal-kumpannija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu f'dan ir-rigward kontra t-talbiet attrici;*

*10. Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi a tenur ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq premessi, l-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Taqta' u tiddeciedi dina l-kawza bid-dispensa tas-smigh, ai termini ta' l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Tiddikjara li l-konvenuti saru debituri tal-kumpannija attrici fl-ammont ta' €127,220.27; u*

*3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpannija attrici l-ammont komplessiv ta' €127,220.27;*

*Bl-ispejjez, bank charges and fees u bl-imghaxijiet mill-14 ta' Settembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv.*

*Il-bank charges u fees qed jintalbu ai termini tal-Credit agreements msemmija f'din il-kawza, t-Tariff of Charges relattivi ghall-Home Loans (ara Dok. 'N'), it-Tariff of Charges relattivi ghall-Personal Loans (ara Dok. 'O') u t-Tariff of Charges relattivi ghall-Current Accounts (ara Dok. 'P'), liema dokumenti tqiesu li saru japplikaw ghall-konvenuti appena dawn hadu l-facilitajjiet bankarji minghand il-kumpannija attrici.*

*L-imghaxijiet qed jintalbu bir-rati segwenti:*

*1. Sitta punt sitta tnejn hamsa fil-mija (6.625%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Account numru 18929.71.001 imsemmi aktar 'l fuq (ara Artikoli 7 u 11(q) tal-Credit Agreement immarkat Dok. 'A'), u*

*2. Tnax fil-mija (12.00%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Loan Account numru 18929.71.003 imsemmi aktar 'l fuq (ara Artikoli 5 u 11 tal-Credit agreement immarkat Dok. 'C'), u*

*3. Ghaxra fil-mija (10.00%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq Current Account numru 18929.10.001 imsemmi aktar 'l fuq (ara marker bl-orangjo fuq Dok. 'P').*

*Il-konvenuti huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan b'rizerva ghal kull dritt iehor spettanti lill-kumpannija attrici fil-konfront tal-istess konvenuti."*

Rat li fis-16 ta' Ottubru, 2016 Dr. Maria Lisa Buttigieg ghall-bank attur ipprezentat nota li permezz taghha rriduciet l-ammont pretiz ghal €126,545.27.

Rat li fil-21 ta' Ottubru, 2016 Dr. Frank Testa ghall-bank attur ipprezenta nota li permezz taghha rriduca l-ammont pretiz ghal €122,357.92.

Rat in-nota mressqa waqt is-smiegh tal-lum mill-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fir-rikors mahluf;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fir-rikors mahluf tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tal-konvenuti, il-Qorti filwaqt li tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-bank kif dedotta fir-Rikors Mahluf bl-ispejjez kontra l-konvenuti, u bl-imghaxijiet legali fuq l-imsemmija somma kif ridotta b'sehh skond kif imsemmi fir-rikors mahluf sal-jum tal-hlas effettiv.

Moqrija,

Miriam Hayman

Imhallef

Frederick Stagno Navarra

Deputat Registratur